## GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.

### SEDUTA TA’ NHAR IT-TLIETA, 16 TA' JANNAR, 2001

*Avviz. Nru 1881/00 AJD*

Jozef Wallace Galea f'isem id-ditta HLB Falzon and Falzon

vs

Androxa Furniture Limited

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Novembru, 2000, fejn intalab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta' mija u tnejn u erbghin liri Maltin (Lm142.00) dovuti in konnessjoni ma' servizzi professjonali rezi.
Bl-ispejjes kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata, baqghet ma deheritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward, ghalkemm fit-12 ta' Jannar, 2001, hija prezentat rikors fejn talbet is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza, liema rikors gie michud.

Sema' x-xhieda tal-attur li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.   Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta ihallas lill-attur is-somma ta' mija u tnejn u erbghin liri Maltin (Lm142.00).

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR